II

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Ġunju 2007

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li jemenda l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Ġordan

(2008/637/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Skond id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 15 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, min-naħa l-oħra ([1]) (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni"), il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li jikkonċerna miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni u jemenda l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Ġordan kif ukoll jissostitwixxi l-Annessi I, II, III and IV u l-Protokolli 1 u 2 ta' dak il-Ftehim ([2]) (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri"), approvat mid-Deċizjoni tal-Kunsill 2006/67/KE ([3]), introduċa iżjed konċessjonijiet kummerċjali bilaterali fir-rigward ta' prodotti agrikoli u prodotti agrikoli proċessati b'effett mill-1 ta' Jannar 2006.

(2) Wara li ġiet adottata d-Deċizjoni 2006/67/KE, l-awtoritajiet Ġordanjani infurmaw lis-servizzi tal-Kummissjoni b'diskrepanzi relatati ma' ċerti kodiċijiet tan-nomenklatura doganali Ġordanjana.

(3) Għandu jiġi ċċarat li l-miżuri reċiproċi ta' liberalizzazzjoni introdotti bil-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri jirriferu biss għal prodotti agrikoli u prodotti agrikoli proċessati, u mhux għal ħut u prodotti tas-sajd koperti mill-Kapitolu 3, taħt l-intestaturi 1604 u 1605, u s-subintestaturi 0511 91, 2301 20 u ex 1902 20 ("għaġin mimli b'iktar minn 20 % piż ta' ħut, krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn").

(4) Għalhekk, l-Artikoli 11a u 16, kif ukoll l-Anness III u l-Anness tal-Protokoll 2 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għandhom jiġu emendati sabiex jiġu korretti dawn id-diskrepanzi.

(5) Għal prodotti agrikoli proċessati, li huma suġġetti għal klawsola ta' reviżjoni, għandha tiżdied referenza għall-iskeda ta' żmien għar-reviżjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan li jemenda l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni KE-Ġordan huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 129, 15.5.2002, p. 3.
([2]) ĠU L 41, 13.2.2006, p. 3.
([3]) ĠU L 41, 13.2.2006, p. 1.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri sabiex tintrabat il-Komunità.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fil-Lussemburgu, 18 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kunsill
Il-President
F.-W. STEINMEIER